**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**

**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 22 ta' Mejju 2025**

Rikors Numru: 105/2025 AL

A B C

Vs

D E

(M.R. Numru 2368/2007)

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrent li permezz tiegħu ppremetta:

Illi l-partijiet izzewġu fl-erbatax (14) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007) (Ara Dok A - ċertifikat taż-żwieġ anness) u minn dan iż-żwieġ ma kellhomx tfal.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Cheryl Ann Aquilina Polidano mis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Frar tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024.) (Ara Dok B anness.)

Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li l-partijiet ilhom sentejn mifrudin, illum għandhom hajja totalment separata minn xulxin u saħansitra ffurmaw rabiet ma' persuni oħrajn;

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut u in oltre l-partijiet iddekadew definittivament għal kull jedd tagħhom li jitolbu u/jew jirċievu manteniment mingħand xulxin u dan skond l-anness kuntratt ta' separazzjoni personali (ara ir-raba' klawsola)

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond **l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Għaldaqstant umilment jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieg fl-erbatax (14) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007) li gie ċċelebrat bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għall daqsekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Marzu 2025;

Semghet lill-intimata preżenti fl-awla fuq domanda tal-Qorti twieġeb li m'għandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-27 ta' Frar 2024;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.